**4 ta' Lulju**

## Tikfira ta'

S. ELISABETTA TAL-PORTUGAL

Bint is-slaten tal-Aragonja, twieldet fl-1271; iżżewġet żgħira lis-sultan tal-Portugal u kellha żewġt itfal. Rat ħafna tbatija u toqol, imma sofriet kollox b'sabar kbir u bit-taħriġ fit-talb u fl-opri tal-ħniena. Wara l-mewt ta' żewġha qassmet ġidha lill-foqra u daħlet terzjarja Franġiskana. Hi u titħabat biex terġa' tħabbeb bejniethom lil binha u 'l ħatnu, mietet, fl-1336.

Mill-Komun tal-qaddisin nisa: għal dawk li għamlu opri ta' ħniena...

Talba

O Alla, li tnissel il-paċi u tgħożż lil min jagħti xhieda ta' l-imħabba, int żejjint lil Santa Elisabetta tal-Portugal bil-grazzja tal-għaġeb li tgħaqqad fil-paċi lil dawk li kienu mifruda bit-tilwim; bit-talb tagħha, agħtina li aħna wkoll naħdmu ħalli nġibu l-paċi, biex nistgħu nissejjħu wliedek. B'Ibnek.